MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-26 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 55/1997/1

Eucharistico Camilleri

vs

Gioacchino maghruf bhala Jack Galea
u
Rosanna xebba Galea

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta illi Maria Antonia Farrugia, xebba, bint il-mejtin Giovanni Farrugia u Giuseppa nee' Galea, imwielda u gia residenti Sannat, Ghawdex, mietet fid-29 ta' Marzu 1995, u rregolat is-

successjoni taghha b’testment fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin tal-20 ta’ Ottubru 1978;

Illi f’dak it-testment hija halliet b’titolu ta’ legat u in piena u assoluta proprjeta’ lill-attur:

(a) sehemha, cioe’ nofs indiviz tad-dar b’kull ma jkun fiha mill-ghatba ‘l gewwa numri 15 sa 19 Triq Marsilja , Sannat, Ghawdex;

(b) l-ghalqa tal-kejl ta’ xi mitejn u wiehed u tmenin metru kwadru (281m.k), ekwivalenti ghal hmistax il-kejla jew kejl verjuri jkun kemm ikun il-kejl u d-differenza u tmiss punent ma’ Triq Seguna, tramuntana ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Farrugia, illum mejjet, lvant ma’ proprjeta’ ta’ Michael Galea u nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ Emmanuele Muscat. Din l-ghalqa fiha garage bil-bieb bla numru fuq Seguna Street u dan il-garage huwa ukoll inkluz f’dan il-legat;

(c) ghalqa ta’ l-Irlandiza tal-kejl ta’ xi seba’ mija u hamsin metru kwadru (750m.k) ekwivalenti ghal erba sighan fis-Sannat, Ghawdex, u tmiss tramuntana ma’ proprjeta’ ta’ Carmelo Camilleri, nofsinhar ma’ proprjeta’ ta’ Joseph Camilleri u lvant ma’ proprjeta’ tal-eredi ta’ Francesco Gauci;

Illi l-konvenuti gew istitwiti eredi tal-istess Maria Antonia Farrugia fi kwota ta’ sesta parti ta’ kwarta parti indiviza kull wiehed u wahda minnhom;

Illi l-eredi l-ohra kollha gia immittew lill-attur fil pussess tal-legat imholli lilu mid-decujus, izda l-konvenuti qeghdin jirrifjutaw li jaghmlu dan;

Illi l-attur irid illi tigi ordnata din l-immissjoni fil-pussess;

Talab ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. tordna lill-konvenuti jersqu ghall-kuntratt ta’ immissjoni fil pussess tal-attur tal-immobbli imhollija b’legat minn Maria Antonia Farrugia kif fuq inghad ghal

dak li jirrigwarda l-kwota lilhom spettanti mill-assi ereditarji ta' l-imsemmija Maria Antonia Farrugia;

2. tordna l-publikazzjoni tal-att opportun f'jum, hin u lok illi jigu ghalhekk iffissati ad opera ta' Nutar nominand u bl-intervent ta' kuraturi nominand ghall-eventwali kontumacji fuq l-istess att;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Awissu 1996 kontra l-konvenuti u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccipew:

1. li ghal dak li jirrigwarda l-interess tal-eccipjenti Rosanna Galea f'din il-kawza, hija qatt ma rrifjutat li tersaq ghall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess tal-imsemmi legat. Izda a skans ta' spejjez inutili hija dejjem irrakkomandat li ssir l-immissjoni fil-pussess tal-legati f'daqqa u kontestwalment, haga li l-attur jidher li ma jridx jaghmel. Ghalhekk, u fi kwalunkwe kaz, hija ma ghandhiex tbati ebda spejjez;

2. li ghal dak li jirrigwarda l-interess tal-eccipjenti Gioacchino sive Jack Galea, huwa qatt ma rrifjuta, fil-principju, li jghaddi ghall-immissjoni fil-pussess tal-legat ta' l-attur, izda l-kwistjoni qamet dwar il-portata tal-legat imholli tal-lok ta' djar numru minn 15 sa 19 Triq Marsilja, Sannat. L-attur qed jippretendi li f'dan il-legat hemm ukoll inkluz mandra li kejl konsiderevoli li ghandha faccata fuq Triq Xabbata, Sannat, li bla ma hemm sforz tal-immaginazzjoni m'ghandux wiehed jikkunsidraha bhala accessorja ghall-fond fuq imsemmi iktar u iktar meta din il-mandra mhix imsemmija fil-legat.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom flimkien mal-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

B’testment datat 20 ta’ Ottubru, 1978, atti Nutar Maurice Gambin, Maria Antonia Farrugia, li mietet fid-29 ta’ Marzu 1985 (dok.A folio 6), ordnat, fost hwejjeg ohra, illi nofs indiviz tad-dar numru 15 sa 19 f’Triq Marsilja, Sannat, Ghawdex, b’kulma kien fiha mill-ghatba ‘il gewwa, oltre l-ghalqa ta’ kejl ta’ mitejn u wiehed u tmenin metri kwadri (281m.k.) jew kull kejl verjuri inkorporanti garage fiha, u l-ghalqa imsejha ‘tal-Irlandiza’, wkoll fis-Sannat, Ghawdex, jigu moghtija b’legat in piena u assoluta proprjeta’ lin-neputi taghha Eucharistico sive Karistu Camilleri, l-attur. Imbaghad, fir-raba’ artikolu tac-citat testament taghha, innominat u stitwiet fost l-eredi universali u proprjetarji assoluti liz-zewg konvenuti fil-kwota lilhom spettanti mill-kwarta parti kif dispost fl-istess raba’ artikolu. L-attur qieghed jazzjona sabiex il-konvenuti fil-kapacita’ taghhom ta’ werrieta, u fil-kwoti li wirtu mill-beni mmobbli li gew legati lill-attur, jimmituh fil-pussess ta’ l-istess in bazi ghall-Artikolu 726 tal-Kodici Civili.

Issa minghajr il-bzonn li l-Qorti tidhol fid-dettal dwar x’irrizulta tul il-proceduri, minn noti tal-osservazzjonijiet skambjati, jirrizulta, li l-konvenuti, illum, jammettu li ghandhom jimmittu lill-attur fil-legat imholli lilu kif gia apparentement sar mill-werrieta l-ohra. F’dan l-istadju u kif ghandu jirrizulta minn nota tal-osservazzjonijiet taghhom huma jikkontestaw il-kap tal-ispejjez u sottomettew argumenti dwar ghaliex, fl-opinjoni taghhom, huma m’ghandhomx ibatu l-ispejjez.

Hekk fehem ukoll l-attur li fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu wara li, b’mod succinct u preciz, spjega r-raguni l-ghala l-konvenuti rrifjutaw li jaddivjenu ghall-immissjoni, ghadda biex jissottometti r-ragunijiet tieghu dwar ghaliex il-konvenuti ma kellhomx jigu mehlusa mill-ispejjez tal-kawza.

Mis-sottomissjonijiet maghmula l-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni li taqbel ma' l-attur. Tosserva, illi l-kwistjoni dwar l-estensjoni tal-legat tad-dar, dwar jekk kienx jikkomprendi l-ghalqa annessa ma' din id-dar, jinsab deciz definittivment kontra t-tezi sostnuta mill-konvenut Jack Galea, waqt li fir-rigward il-konvenuta l-ohra r-raguni avvanzata minnha ghaliex ma resqitx ghall-kuntratt certament mhix tali li tinheles mill-ispejjez tal-kawza.

Konsegwentement, din il-Qorti qeghdha issa tiddeciedi u tiddisponi mill-kawza billi waqt li tilqa' t-talbiet tal-attur, tordna lill-konvenuti jersqu ghall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess tal-attur ta' l-immobbli mhollija lilu b'legat u dana fil-kwota spettanti lill-istess konvenuti mill-beni formanti parti l-assi ereditarji ta' l-imsemmija Maria Antonia Farrugia u ghall-finijiet tat-tieni talba tinnomina lill-Nutar Dr Paul George Pisani sabiex jippublika l-kuntratt opportun fit-28 ta' Mejju 2005 u tinnomina lill-Avukat Dottor Joseph Grech sabiex jidher fuq l-istess kuntratt ghall-eventwali kontumaci.

L-ispejjez a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------